MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 759/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Sylvana Briffa)**

**vs**

**JG**
**CA**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati JG u CA gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Gewwa Bormla u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' April 2012,

1) B’eghmil zieni, ikkorrompew lil RG, minuri ta’ tlettax(13)-il sena ;

2) Ippartecipaw f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta’ u cioe l-imsemmija RG

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 ta’ Lulju 2012 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2012 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-11 ta’ Dicembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet, kkunsidrat l-fatt li ghandhom fedina penali netta u kkunsidrat l-eta’ tal-imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 203, 204C u 17 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-

imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u tikkundannahom tmintax(18)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ sentejn(2) millum.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minuri u l-imputati fi kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------